MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 1204/2013

**MEGALINE (M & E) LIMITED** (C-21366)

vs

**ENTERTAINMENTS LIMITED** (C-49375)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fid-19 ta' Diċembru, 2013, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta mħarrka biex tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' erbgħa u ħamsin elf seba' mija u ħdax-il euro u sittax-il ċenteżmi (€54,711.16) li tirrappreżenta l-prezz ta' materjal u xogħlijiet ta' stallazzjoni mwettqa fuq talba tal-istess soċjeta mħarrka fl-istabbiliment kummerċjali li jġib l-isem "*Fuego*" jew "*Canas y Tapas*" fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan. Talbet ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija intimata li naqset li tressaq it-Tweġiba Maħlufa tagħha, minkejja li ngħatat il-fakulta` li tagħmel dan waqt is-smigħ tas-6 ta' Frar, 2014, meta kienu dehru żewġ rappreżentanti tal-istess kumpannija mħarrka, mgħejjuna minn avukat, u hekk baqgħet kontumaċi.

Semgħet lir-rappreżentant tas-soċjeta attriċi;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet** u tikkundanna lis-soċjeta mħarrka, biex tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' erbgħa u ħamsin elf seba' mija u ħdax-il euro u sittax-il ċentezmi (€54,711.16) rappreżentanti l-prezz ta' materjal u xogħol fornit kif fuq ingħad, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-22 t'Awwissu, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) **Tikkundanna** lis-soċjeta` mħarrka tħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------